# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 2588

Kaz Numru 3707/JG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Christian Larsson (Passport number: 88356264)

u

HeliMalta Ltd (C51647)

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Illum 12 t'April, 2019**

## 1 Introduzzjoni

Dan il-kaz gie pprezentat permezz ta' Rikors imressaq minn Christian Larsson (Passport Number: 88356264) fit-18 ta' Dicembru, 2018 fejn allega li fid-29 ta' Awwissu 2018 gie ingustament imkecci mill-impjieg ta' *Professional Airport Pilot* fil-kategorija ta' Kaptan ATPL minn mas-Socjeta' HeliMalta Ltd (Company number C51647). Minn naha l-ohra, s-Socjeta' HeliMalta Ltd (Company number C51647) ma pprezentat l-ebda dikjarazzjoni tal-fatti u naqset milli tidher quddiem it-Tribunal ghat-tlett seduti jigifieri dik tal-15 ta' Frar, 2019, dik tal-1 ta' Marzu, 2019, u dik tat-8 ta' Marzu, 2019.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap. 452 irid jinghad li minhabba d-differimenti ma kienx possibbli li l-kaz jinstema' u jinqata' fi zmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2 Fatti tal-Kaz

Ir-rikorrenti jigifieri Christian Larsson beda jahdem mas-Socjeta' intimata igifieri HeliMalta Ltd fil-11 ta' Dicembru, 2017 fil-kariga 'full time' ta' *Professional Airport Pilot* fil-kategorija ta' Kaptan ATPL b'kuntratt indefinit (Dok CL-1). Gie pprezentat ukoll Dok ABC intitolat *Affidavit of Christian Larsson* u Dok CL – 2 li juri komunikazzjoni bl-emails bejn ir-rikorrenti Christian Larsson u Sandra Lopez impjegata fl-ufficcju tas-socjeta' HeliMalta Ltd (Company number C51647) datati 28 u 29 ta' Awwissu 2018.

Ir-Rikorrent Christian Larsson allega li l-impjieg tieghu gie terminat ingustament permezz ta' email datata 29 ta'Awwissu mibghuta minn Sandra Lopez "HR Administrative"; (Doc CL – 2) "*Also, we kindly request to please sign the Termination Agreement regarding the last payment as payslip of July in Attach*"). Minn naha l-ohra, Christian Larsson jiddikjara li s-Socjeta' HeliMalta Ltd qatt ma hadet xi passi dixxiplinarji kontra tieghu u qatt ma kien mitlub jidher quddiem xi bord ta' dixxiplina imwaqqaf ghal dan l-iskop mill-istess Socjeta'.

Ir-Rikorrent Christian Larsson allega ukoll li hu ghadu bla paga ta' Lulju kif ukoll ta' Awwissu u r-Rikorrent ma inghata l-ebda tip ta' avviz (notice).

## 3 Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal kellu quddiemu sitwazzjoni fejn il-fatti tal-kaz gewipprezentati mir-Rikorrent biss filwaqt li s-Socjeta' HeliMalta Ltd (company number C 51647) ghazlet li la taghmel dikjarazzjoni tal-fatti u anqas tidher quddiem it-Tribunal.

Minkejja li t-Tribunal ma ghandu l-ebda obbligu li jiddiferixxi s-seduta meta parti taghzel, minn jeddha, li ma tidhirx quddiem it-Tribunal minghajr raguni valida jew minghajr ma titlob postponiment lit-Tribunal, it-Tribunal xorta stenna u ta zmien biex is-Socjeta' tirregolarizza ruhha mal-proceduri tat-Tribunal u tersaq quddiem it-Tribunal biex twiegeb ghall-allegazzjonijiet kontriha.

Minkejja li s-Socjeta' giet notifikata tliet darbiet, fejn il-mezzi ta' notifikazzjoni kienu kemm bil-posta registrata u bil-posta normali, s-Socjeta' HeliMalta Ltd baqghat ma baghtet qatt dikjarazzjoni tal-fatti u anqas deheret quddiem it-Tribunal kif u meta notifikata.

Ghaldaqstant, it Tribunal kien kostrett jahdem u jikkonsidra biss l-evidenza pprezentata mir-Rikorrenti Christian Larsson. It-Tribunal ifakkar li it-Tribunal huwa Istituzzjoni f'pajjizna li l-iskop tieghu huwa li jiffacilita soluzzjonijiet u jiehu decizjonijiet gusti skond l-Kap. 452 biex kemm jista' jkun, ir-relazzjonijiet fuq il-post tax-xoghol ikunu armonjuzi. L-Istat jinvesti biex dan isehh u diversi nies jimpenjaw ruhhom biex dan l-aspett tal-gustizzja isir sewwa u fl-iqsar zmien possibbli. Ghalhekk meta xi parti taghzel li tastjeni lilha nnifisha minn process bhal dan u / jew tonqos milli tavza lit-Tribunal b'xi predikament li jista' jkollha li jgeghelha tastjeni lilha nnifisha mill-process, ghal darba, tnejn, tlieta, t-Tribunal ma jistax ma jikkonsidrax dan l-agir bhala disrispett lejn l-Istituzzjoni tat-Tribunal Industrijali. It-Tribunal iwissi li dan ma jkunx tollerat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jinnota li il-kuntratt tal-impjieg datat 11 ta' Dicembru 2017, 'Appendix II' artiklu 1.3 jaghti lista estensiva ta' l-obbligi, mistennija minn ghand l-impjegat Christian Larsson, fuq il-post tax-xoghol.

Jinnota wkoll li Artiklu 12 tal-istess 'Appendix II' jittratta *Termination* fejn jinghad li *The Company may, by giving notice in writing, forthwith terminate this agreement and the employment hereunder if the Employee shall at any time* '; u hawn jinghata elenku pjuttost twil ta' nuqqasijiet li jekk isiru jistghu jwasslu ghal terminazzjoni ta' l-impjieg.

It-Tribunal ezamina d-dokumenti sottomessi, b'mod partikolari Dok CL – 2, u sab li fl-email taghha tad-29 ta' Awwissu 2018, Sandra Lopez 'HR Administrative' tas-Socjeta' HeliMalta Company Ltd, ma ssemmi l-ebda kaz fejn r-rikorrenti Christian Larsson naqas li jonora xi wiehed mill-obbligi tieghu taht l-Artiklu 1.3 tal-Appendix II u anqas ma ssemmi xi nuqqas li skond l-artiklu 12 *Termination* ta' l-istess Appendix II seta' wassal ghat-terminazzjoni gusta tal-impjieg tar-rikorrent Christian Larsson.

Ghalhekk, it-Tribunal ikkonsidra li fl-atti ma kien hemm xejn li juri li xi darba r-Rikorrent Christian Larsson inghata twissija verbali jew bil-miktub dwar l-imgieba tieghu.

It-Tribunal innota s-salarju kif stabbilit fil-kuntratt tal-impjieg datat 11 ta' Dicembru, 2017, 'Appendix I', kif ukoll il-per diems elenkati f' 'Appendix 1' fejn jinghad li il-*Basic Per Diem (i) for each effective day of work when in mission, in the country where is the official headquarters / main base of the Clients location, or Day Off; u d-Daily Per Diem (ii) for each effective day of work when in mission; not in the official Headquarters / country where the main base is located, for the aforementioned).* Kien innotat u kkonsidrat ukoll li Appendix I juri li il-*basic per diem and daily per diem will be payable only if the Employee is on a mission* fil-waqt li taht il-parti tal-kuntratt tal-impjieg "General Terms & Conditions" Artiklu 3.3 u 4.3 jghidu li *" In case of termination of employment, the amount in question will not, under any circumstance, constitute an integral part of an eventual settlement or severance package as provided by law, acknowledged by this agreement".*

It-Tribunal jinnota wkoll li Artiklu 2.1 tal-kuntratt tal-impjieg 'Appendix II' jispjega li *salaries increases shall be related to performance. The Employer is not obliged to grant automatic salary increases.* Fl-istess hin it-Tribunal ikkonsidra li z-zieda ghall-gholi tal-hajja u il-*bonuses* statutorji huma mandatorji, u jridu jithallsu mill-principal lil kull impjegat skond il-ligi.

Kien innotat ukoll li r-Rikorrent Christian Larsson ghandu professjoni li permezz taghha huwa relattivament facli li jsib impjieg iehor fl-istess kategorija b'beneficcji simili ghal dak li kellu mal-kumpanija HeliMalta Company Ltd. In fatti it-Tribunal ikkonsidrat li r-Rikorrent Christian Larsson

ghamel xoghol *freelance* bejn Ottubru ta' 2018 u Frar ta' l-2019 kif ukoll kien ikkonsidrat li l-istess Christian Larsson sab u ghandu mpjieg *full time* mill-1 ta' Marzu, 2019.

**4 Decizjoni**

Ghahekk, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li r-Rikorrent Christian Larsson gie licenzjat minn mas-Socjeta' HeliMalta Ltd (Company number C 51647) minghajr kawza gusta u sufficjenti bi ksur ta' dak li tehtieg il-Ligi.

**5 Kumpens**

It-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lil Christian Larsson minn HeliMalta Limited (Company number C 51647) fl-ammont ta' €21,523.06 (wiehed u ghoxrin elf, hames mija u tlieta u ghoxrin Euro u sitt centezmi). Dan il-hlas ghandu jsir fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

**6 Multi**

It-Tribunal jordna il-hlas ta' multa mis-Socjeta' intimata jigifieri HeliMalta Ltd (Company number C 51647) fl-ammont ta' €465.88 favur il-fond konsolidat tal-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Kap. 12 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Artiklu 997 (1).

**7 Drittijiet**

Ghal-finijiet tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal Industrijali jillikwida id-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wiehed.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

**(iffirmat)**

Is-Sur Joseph Gerada
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju